ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-Laqgħa Nru. 44 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2012, fis-6.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

## Aġenda

1. Rapport ta' Ħidma;
2. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2012;
3. Suġġerimenti

ĦAL GĦAXAQ

1. **Laqgħa Annwali**

Għalkemm il-Kunsill iffissa d-data u l-ħin u ħarġu wkoll l-avviżi fil-gazzetti lokali u f'diversi *notice boards* din il-laqgħa ma saritx għax m' attenda ħadd, il-Kunsill stenna għal aktar minn nofs siegħa u wara xorta ltaqa f'seduta ordinarja tal-Kunsill.

2. **Rapport ta' Ħidma**

Is-Segretarju ppreżentat ir-Rapport ta' Ħidma li ħejjiet (app. 1) u li kien ġie approvat f'seduta preċedenti w l-Membri ma' kienu talbu l-ebda tibdil biex isir fih.

Sandanittant is-Sindku ppreżenta d-Diskors tiegħu dwar il-Ħidma tal-Kunsill matul 2011. (app. 2).

3. **Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-Sena 2012**;

Minħabba li ma kienx hemm Laqgħa Ġenerali W allura ma ġewx preżentati lmenti u suġġerimenti l-Kunsill qiegħed jaddotta l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2012, kif ġew preżentati w approvati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

4. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

Is-Sindku qal li ġew rappreżentanti tat-34U kif ukoll mill-MRRA-PARK biex jaraw fejn jistgħu iħawwlu siġar.

Ġie deċiż li dawn se jagħmlu *hedging* madwar il-*playing field* fi Pjazza Santu Rokku, se jħawwlu siġar ħdejn il-kappella ta' Santa Luċija kif ukoll jagħmlu *hedging* madwar il-kappella, u se jħawlu siġar fil-ġnien li l-Kunsill se jagħmel fil-Bypass.

Biex isiru dawn, l-MIA se torganizza żewġ *events* f'*weekend* f'Marzu. Dawn qed jipproponu li s-Sibt, 10 ta' Marzu mill-10.00 sa 12.00 u l-Ħadd, 11 ta' Marzu bejn id-9.30 u 11.30am. Dawn se jarmaw *Gazebo* bi *snacks* u *drinks* għal *MIA staff* li jkunu qed jipparteċipaw. Fir-rigward tal-kappella sar qbil li l-Ħadd issir quddiesa u wara jitħawwlu s-siġar.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dawn l-attivitajiet.

ĦAL GĦAXAQ

**Aġġornament**

Is-Sindku ressaq l-aġġornament tas-Seduta fis-7.00pm, għal nhar it-Tlieta, 7 ta’ Frar, 2012 fis-2.00pm, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

**Emanuel Vassallo** **Therese Xuereb**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati t-Tlieta 7 ta’ Frar, 2012 fis-2.00pm**